# SIT ELETTRONIKU ĠDID JGĦINEK TISKOPRI L-ISTORJA MARITTIMA TA' MALTA PERMEZZ TA' GRAFFITI TA' BASTIMENTI

**Stqarrija | 23 ta' Mejju 2023**

Heritage Malta tħabbar bi pjaċir it-tnedija ta' sit elettroniku ġdid – www.maltashipgraffiti.org – maħsub u mfassal biex iħoll il-misteri tal-graffiti storiċi li nsibu f'Malta u li juru bastimenti. Din il-pjattaforma innovattiva toffri esperjenza profonda tal-imgħoddi marittimu ta' din il-gżira filwaqt li tħajrek tistħarreġ biex issir taf aktar.

www.maltashipgraffiti.org hija l-frott ta' riċerka estensiva, dokumentazzjoni metikoluża u passjoni kbira għall-preservazzjoni ta' aspett mhux magħruf wisq tal-istorja marittima tagħna. Is-sit elettroniku jservi kemm bħala arkivju diġitali kif ukoll bħala riżorsa edukattiva fejn sew l-istoriċi bi sfond akkademiku u sew il-membri tal-pubbliku ġenerali jsibu opportunità bla preċedent biex jimirħu fid-dinja intriganti tal-graffiti tal-bastimenti u jippruvaw jifhmuha.

Fost il-karatteristiċi ewlenin ta' www.maltashipgraffiti.org insibu:

Database:
www.maltashipgraffiti.org tinkorpora kollezzjoni vasta ta' ritratti, deskrizzjonijiet dettaljati u kuntest storiku għal bosta graffiti ta' bastimenti skoperti fil-Gżejjer Maltin. Min jidħol fis-sit jista' jfittex, iqalleb u jeżamina dawn l-artefatti mhux tas-soltu, u jagħti ħarsa lejn il-ħajja ta' dawk li ħallew il-marka tagħhom billi naqqxu stampi ta' bċejjeċ tal-baħar.

Dawriet bil-mixi:
Is-sit elettroniku joffri wkoll suġġerimenti dwar dawriet bil-mixi li wieħed jista' jagħmel fi bliet u rħula Maltin u li matulhom jista' jara binjiet imżejnin bi graffiti ta' bastimenti u jeżamina d-dettalji tal-istampi mnaqqxin biex japprezza l-ħila ta' min għamilhom u l-istejjer warajhom.

Kontenut storiku li jżommok taqrah:
www.maltashipgraffiti.org huwa minjiera ta' tagħrif storiku u ġrajjiet affaxxinanti li jixħtu dawl fuq l-importanza tal-graffiti tal-bastimenti fl-istorja marittima ta' Malta. Is-sit elettroniku jgħinek tifhem aħjar dan l-aspett uniku fil-kultura tat-tbaħħir.

Kollaborazzjoni komunitarja:

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Wieħed mill-għanijiet ta' www.maltashipgraffiti.org huwa li jrawwem sinerġija attiva fost riċerkaturi, dilettanti u esperti li lkoll għandhom għal qalbhom il-patrimonju marittimu ta' pajjiżna. Dawk li jidħlu fis-sit elettroniku jistgħu jaqsmu dak li jafu jew li skoprew u jieħdu sehem f'diskussjonijiet biex ikompli joktor l-apprezzament kollettiv tal-graffiti tal-bastimenti.

Bit-tnedija ta' www.maltashipgraffiti.org, Heritage Malta se tkompli tippreserva u tkattar l-għarfien dwar l-istorja marittima għanja ta' Malta billi tipprovdi riżorsa siewja għal riċerkaturi, storiċi u kull min hu interessat fis-suġġett interessanti tal-graffiti tal-bastimenti. Is-sit elettroniku jservi ta' pont bejn issa u l-imgħoddi, u jiżgura li din il-forma unika ta' espressjoni kulturali u dokumentazzjoni storika tibqa' tinżamm b'għożża mill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta